Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

2025/0801(NLE)

03.3.2025

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-ħatra proposta ta' Lucian Romașcanu għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri
(C10-0010/2025 – 2025/0801(NLE))

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Tomáš Zdechovský

WERREJ

Paġna

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW.....3

ANNESS 1: *CURRICULUM VITÆ* TA' LUCIAN ROMAȘCANU 4

ANNESS 2: TWEĠIBIET MINN LUCIAN ROMAȘCANU GĦALL-KWESTJONARJU.....9

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-ħatra proposta ta' Lucian Romașcanu għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri
(C10-0010/2025 – 2025/0801(NLE))

(Konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 286(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C10-0010/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0000/2025),

A. billi, bl-ittra tat-12 ta' Frar 2025, il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar il-ħatra proposta ta' Lucian Romașcanu għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

B. billi l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu evalwa l-kwalifiki tal-kandidat propost, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 286(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; billi, fil-qafas ta' din l-evalwazzjoni, il-Kumitat irċieva mill-kandidat *curriculum vitae* kif ukoll it-tweġibiet tiegħu għall-kwestjonarju miktub li kien indirizzat lilu;

C. billi dan il-Kumitat imbagħad, fit-18 ta' Marzu 2025, ipproċeda b'seduta ta' smigħ tal-kandidat, li matulha dan għamel stqarrija preliminari, u wara wieġeb għall-mistoqsijiet li saru mill-membri tal-Kumitat;

1. Jagħti opinjoni favorevoli / negattiva dwar il-proposta tal-Kunsill għall-ħatra ta' Lucian Romașcanu għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Qorti tal-Awdituri kif ukoll lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni Ewropea u lill-istituzzjonijiet tal-awditjar tal-Istati Membri.

ANNESS 1: *CURRICULUM VITÆ* TA' LUCIAN ROMAȘCANU

DWARI

Miżżewweġ, b'żewġt itfal

Politiku bl-ogħla esperjenza parlamentari u governattiva b'ħafna esperjenza preċedenti fis-settur privat.

Esperjenza soda naħdem b'fondi pubbliċi u Ewropej fil-pożizzjonijiet pubbliċi li okkupajt, Ministru, Senatur jew Kap ta' Unità territorjali amministrattiva ogħla.

EDUKAZZJONI U TAĦRIĠ

[2000 – 2002] **Executive MBA**

Università ta' Washington, Seattle / ASEBUSS Bucharest

Belt: Bucharest | **Pajjiż:** Ir-Rumanija |

[1986 – 1991] **BSc**

Akkademja tal-Istudji Ekonomiċi

Belt: Bucharest | **Pajjiż:** Ir-Rumanija |

ESPERJENZA TA' XOGĦOL

[28/10/2024 – Sa issa] **President**

Kunsill tal-Kontea ta' Buzău

Belt: Buzău | **Pajjiż:** Ir-Rumanija

- pożizzjoni eletta uninominali
- koordinazzjoni amministrattiva tal-Kontea ta' Buzău, 404 000 abitant u 87 unità territorjali amministrattiva
- baġit annwali – aktar minn EUR 100 miljun

[21/12/2016 – 27/10/2024] **Senatur**

Is-Senat tar-Rumanija

Belt: Bucharest | **Pajjiż:** Ir-Rumanija

Pożizzjonijiet differenti fil-Parlament tar-Rumanija:

- President, Kumitat għall-Kultura u l-Media
- President, delegazzjoni parlamentari Rumena għall-Assemblea Parlamentari tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE)
- Mexxej, Senaturi tal-Partit Soċjaldemokratiku

[11/2021 – 06/2023] **Ministru tal-Kultura**

Gvern tar-Rumanija

Belt: Bucharest | **Pajjiż:** Ir-Rumanija

• bagit annwali - aktar minn EUR 300 million

[06/2017 – 01/2018] **Ministru tal-Kultura**

Gvern tar-Rumanija

Belt: Bucharest | **Pajjiż:** Ir-Rumanija

• bagit annwali - aktar minn EUR 270 million

[2015 – 2016] **Konsulent Maniġerjali għall-President tal-Bord**

Televiżjoni Nazzjonali Rumena

Belt: Bucharest | **Pajjiż:** Ir-Rumanija

- 100 % proprjetà tal-Istat
- 5 stazzjonijiet televiżivi
- fatturat annwali ta' EUR 67 miljun
- 2 450 impjegat

[2012 – 2015] **Direttur Maniġerjali**

Dogan Media International

Belt: Bucharest | **Pajjiż:** Ir-Rumanija

- kapital Tork
- fatturat annwali ta' EUR 20 miljun
- aktar minn 400 impjegat
- tkabbir fid-dħul ta' 32 % sena wara sena

[2009 – 2012] **Maniġer Ġenerali**

Cancan Media

Belt: Bucharest | **Pajjiż:** Ir-Rumanija

- fatturat annwali ta' EUR 8 miljun
- 140 impjegat
- tkabbir fid-dħul ta' 12 % sena wara sena

[2006 – 2009] **Direttur Maniġerjali**

Ringier Romania

Belt: Bucharest | **Pajjiż:** Ir-Rumanija

- kapital Żvizzeru
- fatturat annwali ta' EUR 30 miljun
- 240 impjegat

[2004 – 2006] **Direttur Maniġerjali**

Best Print Services

Belt: Bucharest | **Pajjiż:** Ir-Rumanija

- fatturat annwali ta' EUR 10 miljun
- 110 impjegati

- negozjati ta' finanzjament, superviżjoni ta' programm ta' investiment
- tfassil u implimentazzjoni ta' PRE
- tkabbir fid-dħul ta' 18 % sena wara sena

[2002 – 2004] **Maniġer Ġenerali**

HL Display Romania

Belt: Bucharest | **Pajjiż:** Ir-Rumanija

- kapital Żvediż
- kumpanija start-up
- fatturat annwali ta' EUR 1 miljun
- 5 impjegati
- responsabbli għad-dikjarazzjoni tal-Profitt u tat-Telf (P&L)
- responsabbli għall-ibbaġitjar, għad-dħul u għall-kontroll tal-ispejjeż

[1999 – 2002] **Direttur tal-Bejgħ**

Ringier Romania

Belt: Bucharest | **Pajjiż:** Ir-Rumanija

- kapital Żvizzeru
- koordinazzjoni tat-tim responsabbli mill-bejgħ (14-il persuna)
- tfassil ta' strateġija tal-bejgħ, ippjanar ta' azzjoni, issettjar tal-objettivi tal-bejgħ
- preżentazzjonijiet tal-bejgħ mogħtija lill-aġenziji tal-media, klijenti ewlenin; negozjati ta' kuntratti

[1997 – 1999] **Direttur tal-Bejgħ**

MediaPro Holding

Belt: Bucharest | **Pajjiż:** Ir-Rumanija

- organizzazzjoni u armonizzazzjoni tal-istrutturi tal-bejgħ tal-kumpaniji differenti tal-grupp
- tfassil ta' strateġija tal-bejgħ, ippjanar ta' azzjoni, issettjar tal-objettivi tal-bejgħ
- preżentazzjonijiet tal-bejgħ mogħtija lill-aġenziji tal-media, klijenti ewlenin; responsabbli għan-negozjati dwar il-baġits tal-bejgħ, għar-riorganizzazzjoni fil-fond tal-istruttura tal-bejgħ ta' 16-il kumpanija differenti

[1993 – 1997] **Rappreżentant tal-Pajjiż**

Amorim Irmaos

Belt: Bucharest | **Pajjiż:** Ir-Rumanija

- kstart-up
- fatturat annwali ta' EUR 4 miljun
- bini tal-preżenza fis-suq Rumen, kisba u żamma tal-pożizzjoni fuq quddiem nett (sehem mis-suq ta' 90 %)

[1991 – 1993] **Maniġer tal-Kontijiet**

Vinexport Trading Co.

Belt: Bucharest | **Pajjiż:** Ir-Rumanija

- koordinazzjoni tal-esportazzjonijiet għas-swieq Netherlandiżi, Kanadiżi u Iżraeljani
- parteċipazzjoni f'negozjati, superviżjoni tal-konsenji, tħejjija tad-dokumenti tal-esportazzjoni.

ĦILIET TA' MANIĠMENT U TMEXXIJA

Mexxej ta' tim, negozjatur tajjeb

- koordinazzjoni tajba tat-timijiet
- identifikazzjoni preċiża u delimitazzjoni tal-kompetenzi u tal-ġerarkiji, multitasking b'attenzjoni għad-dettall
- analitiku iżda wkoll orjentat lejn l-azzjoni u r-riżultati
- ħiliet tajbin ħafna tal-komunikazzjoni u tal-preżentazzjoni
- ħiliet ta' negozjar b'saħħithom b'tipoloġiji jew kulturi differenti

ĦILIET TA' KOMUNIKAZZJONI U ĦILIET INTERPERSONALI

Komunikatur eċċellenti, nadatta u perseveranti

- ħiliet interpersonali u ta' komunikazzjoni eċċellenti f'ambjenti differenti, koordinazzjoni u motivazzjoni ta' timijiet ta' diversi daqsijiet
- impenjat, nieħu inizjattiva, dinamiku, perseveranti, nadatta, nassimila malajr informazzjoni ġdida minn diversi oqsma

ĦILIET LINGWISTIĊI

Lingwa/i materna/i: ir-Rumen

Lingwa(i) oħra:

l-Ingliż
SMIGĦ C2 **QARI** C2 **KITBA** C2

PRODUZZJONI MITKELLMA C2 **INTERAZZJONI MITKELLMA** C2

il-Franċiż
SMIGĦ C2 **QARI** C2 **KITBA** C2

PRODUZZJONI MITKELLMA B1 **INTERAZZJONI MITKELLMA** B1

Livelli: A1 u A2: Utent bażiku; B1 u B2; Utent indipendenti; C1 u C2: Utent profiċjenti

ĦILIET DIĠITALI

Il-Ħiliet Diġitali Tiegħi

Għarfien eċċellenti tal-Microsoft Office (Word, Excel, Outlook) | Profiċjenza fl-użu tal-kompjuter u tal-internet | Enterprise-Resource-Planning-Software (ERP) | Implimentazzjoni tal-maniġment tal-

bidla: mill-bidliet organizzattivi sat-tnedija tas-CRMs

LIĊENZJA TAS-SEWQAN

Muturi: A

Karozzi: B

PASSATEMPI U INTERESSI

Qarrej entużjast, b'passjoni għall-isport u għall-mużika

ANNESS 2: TWEĠIBIET MINN LUCIAN ROMAȘCANU GĦALL-KWESTJONARJU

Kwestjonarju għall-Kandidati ta' Membri tal-Qorti tal-Awdituri

Esperjenza professjonali

1. Jekk jogħġbok elenka l-esperjenza professjonali tiegħek fil-finanzi pubbliċi, kemm jekk fl-ippjanar tal-baġit, kif ukoll fl-implimentazzjoni jew fil-maniġment tal-baġit jew fil-kontroll tal-baġit jew fl-awditjar.

   A:

   - Bħala maniġer fis-settur privat

     i. Ipproponejt, innegozjajt, approvajt u kkontrollajt baġits ta' għexieren ta' miljuni ta' Euro fil-kumpaniji differenti li mmaniġġjajt.

   - Bħala Senatur fil-Parlament Rumen:

     i. Iddiskutejt, emendajt u approvajt tmienja mill-baġits annwali Rumeni bl-attivitajiet kollha involuti f'dan il-proċess impenjattiv.

     ii. Irċevejt, analizzajt, u kont involut fl-emendar, fl-approvazzjoni jew fir-rifjut tal-baġits tal-istituzzjonijiet li joperaw direttament taħt is-superviżjoni tas-Senat tar-Rumanija – it-Televiżjoni Nazzjonali Rumena, ir-Radju Nazzjonali Rumen, l-Istitut Kulturali Rumen, il-Kunsill Awdjoviżiv, fost l-oħrajn.

     iii. Kont involut f'deċiżjonijiet tal-ogħla livell matul kriżijiet kbar, inklużi l-pandemija u l-kriżi tal-enerġija, fejn l-impatt baġitarju u l-kontroll fuq id-deċiżjonijiet kienu prijorità ewlenija.

   - Bħala Ministru tal-Kultura

     i. Analizzajt il-baġits tas-snin li għaddew u wasalt għal konklużjonijiet dwar il-prestazzjoni tal-baġits preċedenti u implimentajt miżuri korrettivi fejn kien meħtieġ.

     ii. Fassalt il-baġits annwali, innegozjajthom mal-Ministeru tal-Finanzi u ppreżentajthom quddiem il-Parlament Rumen – il-baġit annwali tal-Ministeru tal-Kultura huwa ta' madwar EUR 300 miljun.

     iii. Issorveljajt l-eżekuzzjoni tal-baġits annwali kemm f'termini ta' prestazzjoni kif ukoll f'termini ta' legalità.

     iv. Ħdimt mill-qrib mal-Qorti Rumena tal-Kontijiet fl-aspetti kollha relatati mal-attivitajiet tagħhom li kienu jikkonċernaw il-ministeru tiegħi.

   - Bħala President tal-Kontea ta' Buzau

     i. Analizzajt il-baġits tas-snin preċedenti biex inkun nista' nislet konklużjonijiet dwar il-prestazzjoni finanzjarja tal-Kontea u sussegwentement ħejjejt korrezzjonijiet baġitarji għall-perjodu ta' wara.

     ii. Fassalt il-baġit tal-2025 u ssorveljajt l-approvazzjoni tiegħu mill-kunsilliera tal-

Kontea – il-baġit annwali huwa ta’ madwar EUR 110 miljun.

2. X’inhuma l-aktar kisbiet sinifikanti li kellek matul il-karriera professjonali tiegħek?

   A: Meta wieħed iqis l-ambitu ta’ dan il-kwestjonarju, se nelenka xi wħud mill-kisbiet relatati mal-oqsma finanzjarji u baġitarji:

   i. Fl-ewwel mandat tiegħi bħala Ministru, irnexxieli nżid il-baġit tal-Ministeru tal-Kultura b’47 % u ssorveljajt rata ta’ eżekuzzjoni ta’ aktar minn 98 % mingħajr ebda opinjoni negattiva mill-Qorti Rumena tal-Kontijiet.

   ii. Bħala l-mexxej tal-grupp tas-senaturi tal-Partit Soċjaldemokratiku, kont attur ewlieni fin-negozjati tal-baġits annwali tar-Rumanija fi żmien debitu u fil-votazzjoni b’suċċess tagħhom.

   iii. Bħala membru tal-Parlament matul il-kriżi tal-COVID-19, flimkien mal-kollegi tiegħi, irnexxieli niżgura – permezz tad-deċiżjonijiet Parlamentari meħtieġa – ir-riżorsi kollha li l-Istat kien jeħtieġ biex jiġġieled il-pandemija u jsegwi l-mod kif ir-riżorsi ġew allokati u minfuqa.

3. X’kienet l-esperjenza professjonali tiegħek ta’ organizzazzjonijiet jew istituzzjonijiet multikulturali u multilingwistiċi internazzjonali bbażati barra minn pajjiżek?

   A:

   i. Fis-settur privat ħdimt f’pożizzjonijiet eżekuttivi għoljin għal kumpaniji multinazzjonali, fejn kont espost għal kulturi differenti fi ħdan l-organizzazzjonijiet li ħdimt għalihom.

   ii. Bħala membru tal-Parlament Rumen u President ta’ kumitat, kont involut il-ħin kollu f’attivitajiet ta’ diplomazija parlamentari ma’ rappreżentanti ta’ pajjiżi u kulturi differenti. Bħala l-President tad-delegazzjoni tal-Parlament Rumen għall-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) kont involut f’laqgħat, f’diskussjonijiet u f’negozjati ma’ rappreżentanti minn aktar minn 50 pajjiż membru.

   iii. Bħala Ministru kelli l-opportunità li jkolli aġenda internazzjonali sħiħa b’laqgħat u negozjati ma’ kollegi minn pajjiżi u kulturi differenti.

4. Ingħatajt kwittanza għad-dmirijiet ta’ maniġment li kont twettaq qabel, jekk tapplika tali proċedura?

   A: Il-kompiti li wettaqt sa issa ma pprevedew ebda proċedura ta’ kwittanza.

5. Liema mill-karigi professjonali preċedenti tiegħek kienu r-riżultat ta’ nomina politika?

   A: Għal dawn l-aħħar tmien snin tal-karriera tiegħi, ħdimt fis-servizz pubbliku wara elezzjonijiet ġenerali jew lokali u ġejt maħtur darbtejn bħala Ministru tal-Kultura. Il-karigi kollha kienu bħala Membru tal-Partit Soċjaldemokratiku (PSD).

6. Liema huma t-tliet deċiżjonijiet l-aktar importanti li kont parti minnhom fil-ħajja professjonali tiegħek?

   A: B’karriera mifruxa fuq għexieren ta’ snin, kien hemm diversi deċiżjonijiet importanti li għamlu differenza, u li jien kburi bihom. Se nsemmi tlieta minnhom, li huma rilevanti għat-tliet kapitli ewlenin tal-karriera tiegħi s’issa, fis-settur privat, fil-gvern u fil-Parlament:

   i. Waħda mid-deċiżjonijiet importanti li ħadt matul is-snin bħala maniġer fis-settur privat kienet ir-ristrutturar profond tad-diviżjoni li kont responsabbli għaliha fi ħdan Ringier

Romania, bir-riżultat li t-titli tal-gazzetti u tar-rivisti fil-portafoll tiegħi kienu jammontaw għal 50 % tal-fatturat tal-grupp u kważi 100 % tal-profitt tal-grupp.

ii. Bħala Ministru tal-Kultura, irnexxieli nirristruttura u nissimplifika l-baġit biex nalloka 270 % aktar flus għal proġetti kulturali domestiċi milli kien hemm fis-sena preċedenti.

iii. Bħala Senatur u Mexxej tal-grupp appoġġjajt, innegozjajt fil-kumitati u ksibt il-voti għall-programmi ta' investiment tal-Gvern, inklużi proġetti tal-Fond għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), li laħqu għal kważi 7 % tal-PDG tar-Rumanija fl-2024.

Indipendenza

7. It-Trattat jistipula li l-Membri tal-Qorti tal-Awdituri jeħtiġilhom ikunu "kompletament indipendenti" fil-qadi ta' dmirijiethom. Kieku inti kif twettaq dan l-obbligu fil-qadi tad-dmirijiet prospettivi tiegħek?

   A: Jekk niġi kkonfermat bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri, nimpenja ruħi li nwettaq dmirijieti b'indipendenza sħiħa u bl-ogħla standards etiċi, fl-interess ġenerali tal-Unjoni Ewropea u taċ-ċittadini Ewropej, u b'rispett sħiħ għad-dispożizzjonijiet tat-Trattati u tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti. Se nikkonforma bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-QEA u nosserva l-prinċipji etiċi minquxa fih: l-integrità, l-indipendenza, l-oġġettività, il-kompetenza, l-imġiba professjonali, il-kunfidenzjalità, it-trasparenza, id-dinjità, l-impenn, il-lealtà, id-diskrezzjoni u l-kollegġjalità.

   Jien la se nfittex u lanqas se nieħu istruzzjonijiet minn xi gvern jew istituzzjoni, korp, uffiċċju jew entità oħra'. Fl-istess ħin, se noqgħod lura minn kwalunkwe azzjoni inkompatibbli mad-dmirijiet prospettivi tiegħi, filwaqt li nistinka biex nagħti eżempju bl-imġiba personali tiegħi. Anki wara t-tmiem ta' dmirijieti, nintrabat li niżgura l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni u li nirrispetta r-regoli dwar il-ħatriet u l-benefiċċji.

   F'dan ir-rwol, se niżgura li l-indipendenza tal-Qorti tkun protetta b'mod rigoruż u li d-dmirijiet tiegħi jitwettqu b'integrità, b'imparzjalità u b'impenn qawwi lejn l-ogħla standards ta' servizz pubbliku.

8. Inti jew qraba stretti tiegħek (ġenituri, aħwa, sieħeb/sieħba legali u wlied) għandek jew għandhom xi impriżi tan-negozju jew holdings finanzjarji, jew xi impenji oħra, li jistgħu jkunu f'kunflitt mad-dmirijiet prospettivi tiegħek?

   A: La jien u lanqas il-membri tal-familja tiegħi ma għandhom interessi tan-negozju jew finanzjarji li jistgħu jwasslu għal kunflitt ta' interess mad-dmirijiet u mar-responsabbiltajiet assoċjati mar-rwol ta' Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA).

9. Lest tiżvela l-interessi finanzjarji tiegħek kollha u impenji oħra lill-President tal-Qorti, u li tagħmilhom pubbliċi?

   A: Iva, lest li niżvela l-informazzjoni kollha mitluba u li nipprovdi dikjarazzjoni ta' interess f'konformità mal-Kodiċi ta' Kondotta u mal-Linji Gwida dwar l-Etika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, filwaqt li niżgura trasparenza u obbligu ta' rendikont sħaħ.

10. Inti involut f'xi proċedimenti legali attwali? Jekk iva, jekk jogħġbok agħtina d-dettalji.

    A: Le, bħalissa ma jiena involut fl-ebda proċediment legali.

11. Għandek xi rwol attiv jew eżekuttiv fil-politika, u jekk iva, f'liema livell? Okkupajt xi kariga politika f'dawn l-aħħar 18-il xahar? Jekk iva, jekk jogħġbok agħtina d-dettalji.

    A: Iva, bħalissa jien il-Mexxej tal-organizzazzjoni tal-Kontea ta' Buzau tal-Partit

Soċjaldemokratiku u l-kelliem nazzjonali tal-partit għall-kwistjonijiet kollha.

12. Se tirtira minn kwalunkwe kariga li ġejt elett fiha jew titlaq kwalunkwe funzjoni attiva b'responsabbiltajiet f'partit politiku jekk tinħatar Membru tal-Qorti?

A: Iva, mingħajr ebda eżitazzjoni. Li nsir Membru tal-QEA jfisser li se ntemm il-karriera politika tiegħi.

13. Kif tittratta irregolarità serja jew saħansitra każ ta' frodi u/jew korruzzjoni li jinvolvi persuni fl-Istat Membru ta' oriġini tiegħek?

A: Jekk jiġri każ bħal dan, nittrattah bl-istess mod bħal kwalunkwe każ ieħor ta' frodi fi kwalunkwe Stat Membru ieħor, bl-akbar indipendenza u integrità, filwaqt li nieħu approċċ kompletament imparzjali, oġġettiv, newtrali u professjonali.

Ir-rispett tal-imparzjalità u l-integrità, ir-rispett tal-istat tad-dritt, is-segwitu strett tal-politiki, tar-regoli u tal-proċeduri stabbiliti, u l-iżgurar tal-ġustizzja u t-trattament ugwali huma kollha essenzjali biex kwalunkwe istituzzjoni tiffunzjona b'mod effettiv u żżomm il-fiduċja taċ-ċittadini tal-UE.

Qadi tad-dmirijiet

14. X'għandhom ikunu l-karatteristiċi ewlenin ta' kultura ta' tmexxija finanzjarja tajba fi kwalunkwe servizz pubbliku? Kif tista' l-QEA tgħin biex tinfurzaha?

A: Fil-qafas stabbilit mir-Regolament Finanzjarju, tmexxija finanzjarja tajba hija mifhuma bħala implimentazzjoni tal-baġit f'konformità mat-tliet prinċipji ta':

i) ekonomija

ii) effiċjenza

iii) effettività.

Il-fondi pubbliċi jridu jintużaw għall-ġid pubbliku, filwaqt li jiġu rispettati l-prinċipji fundamentali tat-trasparenza u tal-obbligu ta' rendikont, li huma ż-żewġ pilastri ewlenin tal-governanza tajba.

Nemmen bis-sħiħ li t-trasparenza, il-ġustizzja u l-obbligu ta' rendikont, b'enfasi wkoll fuq il-prestazzjoni, għandhom jitqiesu bħala l-karatteristiċi ewlenin tal-implimentazzjoni ta' dawn il-prinċipji u t-trawwim ta' kultura ta' tmexxija finanzjarja tajba fis-servizz pubbliku u dawn kienu elementi ta' gwida kemm fil-karriera tiegħi fis-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku.

Barra minn hekk, il-kuntest diffiċli li qed niffaċċjaw jirrikjedi li lkoll nagħmlu l-almu tagħna biex nibnu mill-ġdid u nsaħħu l-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet pubbliċi u fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli nazzjonali u Ewropej. F'dan ir-rigward, nara valur miżjud f'approċċ b'diversi livelli bl-għan li jiżgura li l-ippjanar baġitarju xieraq ikun akkumpanjat minn governanza etika u rappurtar trasparenti, segwit minn proċess bir-reqqa ta' kontroll u ta' obbligu ta' rendikont, kollha appoġġjati minn sforzi ta' komunikazzjoni ċari u proattivi f'kull wieħed minn dawn l-istadji. Mhux l-anqas, nara l-mertu fl-inkorporazzjoni tal-analiżi u l-mitigazzjoni bikrija tar-riskju fl-istadji kollha deskritti hawn fuq, sabiex jiġu żgurati l-aħjar riżultati possibbli.

Il-QEA għandha r-rwol importanti li tgħin biex tiġi stabbilita kultura ta' tmexxija finanzjarja professjonali u li tiżgura s-sostenibbiltà tagħha fl-istituzzjonijiet kollha tal-UE. Il-QEA tagħti rakkomandazzjonijiet u timmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom, it-tnejn li huma attivitajiet ewlenin għar-rwol imsemmi hawn fuq. L-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki u l-

ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet tal-awditjar huma modi essenzjali biex tissaħħaħ it-tmexxija finanzjarja tajba. Barra minn hekk, l-awtorità morali sostanzjali tal-QEA tista' tgħin biex tispira prattiki kontabbilistiċi aktar trasparenti u responsabbli fl-UE kollha.

Il-QEA għandha wkoll rwol sinifikanti fis-simplifikazzjoni tal-qafas leġiżlattiv u tal-proċeduri amministrattivi fejn xieraq, u tikkontribwixxi għal tmexxija finanzjarja effettiva u tiffaċilita r-riformi meħtieġa. L-UE teħtieġ proċeduri aktar sempliċi b'anqas burokrazija, u l-QEA jista' jkollha rwol vitali fl-aġenda tas-simplifikazzjoni tal-Ewropa.

15. Skont it-Trattat, il-Qorti għandha l-obbligu li tassisti lill-Parlament fl-eżerċitar tas-setgħat tiegħu ta' kontroll fuq l-implimentazzjoni tal-baġit. Kieku inti kif tkompli ttejjeb il-kooperazzjoni bejn il-Qorti u l-Parlament Ewropew (b'mod partikolari, mal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu) biex issaħħaħ kemm is-sorveljanza pubblika tal-infiq ġenerali kif ukoll il-kosteffettività ta' dak l-infiq?

A: Bħala Membru prospettiv tal-Qorti tal-Awdituri, nassigurakom mill-impenn tiegħi li nibni relazzjoni bbażata fuq il-ftuħ, it-trasparenza, il-fiduċja reċiproka u l-effiċjenza bejn il-Parlament Ewropew – b'mod partikolari l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT) tiegħu – u l-Qorti tal-Awdituri. Peress li għadna kmieni fiċ-ċiklu istituzzjonali u leġiżlattiv attwali, nemmen li jeħtieġ li naħdmu, miż-żewġ naħat, biex insaħħu aktar ir-rabta bejn iż-żewġ istituzzjonijiet u nrawmu kultura ta' impenn kostanti bejn il-Kumitat CONT u l-QEA. Bħala tali, jekk niġi kkonfermat, nixtieq nassigurakom li se nkun dispost għalkollox għad-djalogu u għas-suġġerimenti dwar kif nistgħu intejbu u nsaħħu l-kontribut tal-Qorti b'appoġġ għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-Kumitat CONT, maħsuba biex tippermetti lill-Parlament jeżerċita s-sorveljanza demokratika tiegħu b'mod effettiv, b'mod partikolari meta jeżerċita s-setgħat tiegħu ta' kontroll fuq l-implimentazzjoni tal-baġit. Barra minn hekk, minħabba l-kuntest reġjonali u internazzjonali diffiċli attwali, ma nistax nenfasizza biżżejjed l-importanza li jiġi ssalvagwardjat il-baġit tal-UE – kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali – u ninsab konxju li dan huwa tħassib ewlieni għal dan il-Parlament u b'mod partikolari għall-Kumitat CONT.

Nistgħu niżguraw, billi naħdmu flimkien, li kwalunkwe nefqa ta' flus tal-UE ssir b'mod legali, responsabbli u b'obbligu ta' rendikont, li jkollu fil-qalba tiegħu l-aħjar interessi tal-UE u taċ-ċittadini tagħha.

Barra minn hekk, peress li l-Membri tal-Parlament Ewropew jirrappreżentaw direttament l-interessi taċ-ċittadini tal-UE, huwa kruċjali li jiġu inkorporati l-perspettivi tagħhom biex jiġi żgurat li l-ħidma tal-QEA tibqa' rilevanti għall-isfidi li jiffaċċjaw iċ-ċittadini tal-UE, filwaqt li tinżamm l-indipendenza sħiħa tal-Qorti fil-ħidma tagħha.

16. X'valur miżjud taħseb li jġib miegħu l-awditjar tal-prestazzjoni u s-sejbiet kif għandhom jiġu inkorporati fil-proċeduri ta' maniġment?

A: L-awditi tal-konformità, tal-finanzi u tal-prestazzjoni jikkomplementaw lil xulxin. Filwaqt li l-awditjar tal-konformità jivverifika jekk l-attivitajiet u l-programmi jikkonformawx mar-rekwiżiti legali u regolatorji applikabbli, l-awditjar tal-prestazzjoni jevalwa jekk dawn l-attivitajiet u l-programmi ġewx eżegwiti bl-aħjar mod.

Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali attwali għall-2021-2027, il-Qorti tal-Awdituri diġà rrakkomandat li fil-futur jiġi ssalvagwardjat finanzjament tal-UE għall-adattament għat-tibdil fil-klima bħala parti mill-istrateġija ta' tkabbir ekonomiku tal-

UE, b'implikazzjonijiet għall-kompetittività tal-UE kemm internament kif ukoll esternament. Dan ikkontribwixxa biex jinbena approċċ orjentat lejn ir-riżultati u biex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet finanzjarji jissarrfu kif xieraq f'azzjonijiet u soluzzjonijiet effettivi għall-benefiċċju taċ-ċittadini tal-UE.

Abbażi ta' dan il-mudell, jistgħu jiġu previsti aktar azzjonijiet sabiex jappoġġjaw is-segwitu xieraq għall-effiċjenza tal-infiq fuq l-objettivi tal-kompetittività tal-UE, abbażi tal-awditjar tal-prestazzjoni, filwaqt li titqies ukoll il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati l-objettivi ġenerali tal-iżvilupp tal-UE.

Bl-istess loġika, enfasi aktar qawwija fuq il-prestazzjoni tista' tkun utli bħala appoġġ għall-objettivi l-ġodda tal-Kummissjoni relatati mas-simplifikazzjoni u mal-obbligu ta' rendikont, anke fir-rigward tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku. L-evalwazzjonijiet ibbażati fuq il-prestazzjoni jistgħu jikkunsidraw ukoll il-kostijiet amministrattivi fil-livell tal-Istati Membri, kif ukoll fil-livell tal-komunità tan-negozju. L-awditjar tal-prestazzjoni joffri informazzjoni intuwittiva li tħares'il quddiem, u jevalwa jekk il-proċessi humiex qed jiffunzjonaw b'mod effettiv biex jintlaħqu l-miri u l-għanijiet stabbiliti.

Minħabba l-kumplessità akbar prevista tal-istrumenti finanzjarji tal-UE, l-obbligu ta' rendikont u t-traċċabbiltà tal-fondi tal-UE jsiru saħansitra aktar importanti, anke bħala prerekwiżit tal-mudell ibbażat fuq il-prestazzjoni, li għandhom jitqiesu fl-isforzi futuri tal-Qorti tal-Awdituri, kif ukoll fir-relazzjoni mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE b'responsabbiltajiet baġitarji – jiġifieri l-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew.

Minkejja dan, jeħtiġilna dejjem nistinkaw biex nagħmlu rakkomandazzjonijiet li huma kemm rilevanti kif ukoll prattiċi, u li jistgħu jinftiehmu u jitħaddnu b'mod ċar mill-entità awditjata, speċjalment mil-livell maniġerjali xieraq bil-kompetenza li jimplimentahom bl-aħjar mod f'termini ta' ħin, spiża u riżorsi.

17. Kif tista' titjieb il-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Awdituri, l-istituzzjonijiet nazzjonali tal-verifika u l-Parlament Ewropew (il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit) dwar l-awditjar tal-baġit tal-UE?

A: F'dan l-istadju, ma nistax nipprovdi tweġiba definittiva, peress li għadni rrid nivvaluta l-kwistjoni mill-perspettivi tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit jew tal-QEA. Il-kisba ta' esperjenza prattika fil-Qorti tal-Awdituri se tkun essenzjali biex tissawwar perspettiva infurmata tajjeb.

Madankollu, huwa ċar li l-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Awdituri u l-korpi nazzjonali tal-awditjar, kif deskritt fl-Artikolu 287(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, hija kruċjali għal kontroll baġitarju effettiv. Fil-kuntest ta' ġestjoni kondiviża, l-użu tajjeb tal-għarfien espert tal-awdituri nazzjonali huwa partikolarment importanti.

Iż-żamma ta' djalogu miftuħ mal-awtoritajiet baġitarji u leġiżlattivi, mal-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar nazzjonali, u mal-partijiet ikkonċernati oħra ssaħħaħ ir-rilevanza tal-istituzzjoni u l-impatt tal-ħidma tagħha.

Kemm il-Parlament Ewropew (permezz tal-Kumitat CONT) kif ukoll l-istituzzjonijiet nazzjonali tal-verifika li jirrapportaw lill-parlamenti nazzjonali huma partijiet ikkonċernati ewlenin għall-QEA, b'għan kondiviż li jissalvagwardjaw il-baġit tal-UE u jiżguraw l-aħjar użu tal-flus tal-kontribwenti tal-UE. F'dan ir-rigward, il-QEA għandha tkompli tikkondividi r-rapporti rilevanti tagħha mal-korpi nazzjonali tal-verifika u ma'

istituzzjonijiet rilevanti oħra biex iżżommhom infurmati dwar l-attivitajiet tagħha u biex tikkomunika r-rakkomandazzjonijiet tagħha dwar oqsma ta' politika pertinenti.

Għalhekk, nemmen li skambju ta' informazzjoni organizzat tajjeb u trasparenti, komprensjoni soda tal-ħtiġijiet ta' kull naħa, u arranġamenti kollaborattivi effettivi huma kruċjali għas-suċċess. Kwalunkwe azzjoni meħuda trid tirrispetta l-qafas legali għall-kooperazzjoni, filwaqt li tiżgura kemm l-obbligu li wieħed jaħdem in bona fide kif ukoll l-indipendenza tal-Qorti tal-Awdituri u tal-korpi nazzjonali tal-verifika.

Barra minn hekk, inħeġġeġ djalogu strutturat dirett bejn il-Kumitat ta' Kuntatt u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-PE, bi skambji regolari dwar prattiki tajbin u t-tagħlimiet meħuda, l-implimentazzjoni u l-kontroll effettivi tal-baġit, il-governanza, it-trasparenza u l-kwistjonijiet tal-obbligu ta' rendikont. Barra minn hekk, nemmen li l-analiżijiet konġunti tar-riskju jistgħu jkunu wkoll parti minn dan id-djalogu aktar strutturat, komprensjoni kondiviża dwar l-isfidi u r-riskju speċifiku madwar l-UE, u l-iskambju ta' modi kif dawn jiġu indirizzati.

Min-naħa tiegħu, il-Parlament Ewropew għandu wkoll rwol sinifikanti fis-sensibilizzazzjoni dwar il-ħidma tal-QEA u s-sistema ta' kontroll tal-baġit tal-UE fost il-kostitwenti tagħhom. Barra minn hekk, il-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom jgħinu lill-awtoritajiet tal-awditjar fl-Istati Membri rispettivi tagħhom jifhmu aħjar l-isfidi li jiffaċċjaw fit-twettiq ta' dmirijiethom.

18. Kieku inti kif tiżviluppa aktar ir-rappurtar tal-QEA biex il-Parlament Ewropew jingħata l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-preċiżjoni tad-data mogħtija mill-Istati Membri lill-Kummissjoni Ewropea?

A: Ir-rapportar ta' kwalità għolja huwa bbażat prinċipalment fuq il-kwalità tad-data pprovduta. L-evalwazzjoni u r-rappurtar tal-QEA jiddependu fuq il-kwalità tad-data pprovduta, speċjalment peress li din tappoġġja lill-Parlament Ewropew fil-konsolidazzjoni tad-deċiżjonijiet baġitarji tiegħu.

F'dan ir-rigward, meta jitqies ukoll li l-istatistika Ewropea hija ben pubbliku, u abbażi tar-Regolament attwali dwar l-Istatistika Ewropea, huwa importanti li jiġi analizzat, fi djalogu mal-Kummissjoni Ewropea u mal-istituzzjonijiet l-oħra, kif is-sistema attwali tista' tittejjeb biex tiffoka fuq sorsi ġodda ta' data, teknoloġiji ġodda u informazzjoni intuwittiva ġġenerata mill-era diġitali, sabiex jiġi żgurat li d-data pprovduta tirrifletti s-sett il-ġdid ta' sfidi u ta' realtajiet ekonomiċi bil-għan li jiġi appoġġjat ir-raġunament tad-deċiżjonijiet u l-objettivi tal-politika tal-UE.

Dejjem inżommu f'moħħna li l-Qorti nnifisha għandha riżorsi limitati u jeħtiġilha tużahom bl-aħjar mod biex tirrapporta l-ħidma tagħha.

Mistoqsijiet oħra

19. Tirtira l-kandidatura tiegħek jekk l-opinjoni tal-Parlament dwar il-ħatra tiegħek bħala Membru tal-Qorti ma tkunx favorevoli?

A: Bħala eks membru tal-Parlament Rumen u eks President ta' kumitat, għandi rispett sħiħ għad-deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew. F'dan ir-rigward, jekk jitqajmu xi dubji dwar l-integrità jew l-indipendenza tiegħi, naturalment inqis, wara diskussjonijiet mal-Istat Membru tiegħi, li nirtira n-nomina tiegħi. Se nqis ukoll bir-reqqa l-fehmiet u d-

diskussjonijiet fil-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit rigward l-oqsma ta' titjib professjonali u naġixxi skonthom.

Madankollu, peress li ġejt innominat mill-Gvern Rumen u l-proċedura skont it-TFUE tiddikjara li l-Kunsill għandu d-deċiżjoni finali, inqis li biex nirrispetta l-istituzzjonijiet kollha involuti, il-mod korrett kif naġixxi huwa li nsegwi l-proċedura kollha.